MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 113/2013

**A B C**

**vs**

**D E; Direttur tar-Registru Pubbliku**

**u permezz ta' digriet datat 24 ta' Settembru 2013**

**A F giet kjamata fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fit-12 ta' Gunju 2013[1] li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

[1] Fol. 1

“Illi l-attrici twieldet nhar is-26 ta' Lulju 1970.

Illi ghalkemm fic-Certifikat tat-Twelid missier l-attrici huwa indikat bhala "unknown" ossia "mhux maghruf", il-minuri giet koncepita waqt relazzjoni twila illi omm l-istess attrici, A F kellha ma' l-intimat D E.

Illi D E kien jikkoabita ma' omm l-attrici ghal diversi snin u mir-relazzjoni taghhom twieldet ukoll tifla ohra, Sandra Oulaiwi li twieldet fit-8 ta' Mejju 1974.

Illi D E kien prezenti fil-hajja ta' l-attrici mit-twelid u ghall-ewwel snin ta' hajjitha kien adirittura jikkoabita maghha u ma' ommha kif ukoll rna' ohtha Sandra, bint l-istess D E. Dan sakemm kellek hdax-il sena.

Illi D E qatt u fl-ebda mument ma cahad il-paternita, anzi, accetta l-istess stat ta' fatt u kien fattwalment jghix ma' omm l-attrici, l-attrici u ohtha bhala familja.

Illi is-socjeta' kienet u ghadha konsapevoli dwar dan u huwa fatt maghruf illi l-attrici hija bint l-intimat E. L-attrici hija maghrufa bhala bint D E.

Illi sfortunatement, meta r-relazzjoni bejn omm l-attrici u E intemmet, E ma baqax parti jghix ma' omm l-attrici izda ghal madwar sentejn huwa kien baqa' jmur izur lilha, lil ommha u lil ohtha Sandra kull gimgha. Il-kuntatt inqata meta eventalment izzewweg lil A E. Lil E sussegwentement kellu relazzjonijiet ohrajn u izewweg u kellu t-tfal minghand persuna ohra li ghadu maghha sa llum. Kien wara li zzewweg li l-kuntatt ma' l-attrici spicca.

Illi ghalkemm l-attrici sejhet lill-intimat E sabiex jirrikonoxxiha bhala bintu naturali permezz ta' ittra legali datata 23 ta' April 2013 u ittra ufficjali sussegwentement intavolata, huwa baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti filwaqt li taghmel riferenza ghas-suespost titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi D E huwa l-missier naturali ta' l-istess attrici A B C nee' F, okkorendo bl-opera ta' esperti u mezzi xjentifici

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri A B C nee F, billi fil-kolonni fejn hemm indikat il-konnottati relattivi ghal missier il-minuri, jigu kkancellati l-kliem, "Unknown Father" mill-kolonna ta' l-"Isem u Kunjom Missier it-tarbija" u jigu sostitwiti bil-kliem "D E" u l-konnotati kollha tieghu.”

Rat ir-risposta guramentata[2] tal-konvenut D E li permezz taghha eccepixxa u ssottometta s-segwenti:-

1. “ Illi preliminarjament il-gudizzju mhuwiex integru peress li omm l-attrici mhijiex parti fil-kawza. Il-ligi tesigi illi omm il-wild imwieled barra miz-zwieg tkun parti f'kawza biex tigi stabbilita il-paternita;

2. Illi l-pretensjonijiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici stante li ghalkemm l-intimat kellu relazzjoni ma' omm l-attrici din qatt ma' kienet relazzjoni serja anki ghaliex fl-istess zmien omm l-attrici kellha diversi relazzjonijiet ma' rgiel ohra;

3. Illi l-esponenti jichad li huwa kellu relazzjoni serja ma' omm l-attrici u fil-fatt meta bdiet ir-relazzjoni huwa kien ghadu guvni ta' sittax il-sena minorenni filwaqt li omm l-attrici kienet diga maggorenni u diga kellha tifla minn relazzjoni ohra;

4. Illi l-esponenti qatt ma' kellu r-residenza tieghu f'dik ta' omm l-attrici u dan il-fatt jista’ jigi ikkonfermat kemm mir-registru elettorali u kemm mill-karta tal-identita tal-intimat;

5. Illi l-esponenti qatt ma' kellu ghalfejn jichad jew jaccetta il-paternita ghax din il-kwistjoni qatt ma qamet qabel ircieva ittra f' April ta' din is-sena u meta gie notifikat b'dan ir-rikors guramentat. Fil-fatt huwa stramb kif din il-kwistjoni qamet issa meta l-attrici ghandha tlieta u erbghin sena u huwa lahaq l-eta tal-pensjoni;

6. Illi l-esponenti iltaqa rnal-mara li ghandu illum, cioe A E fis-sena 1978 u fil-fatt izzewweg lil A E disa' snin wara fis-sena 1987 u llum ghandu zewgt itfal maggorenni;

7. Illi l-uniku skop ta' dan ir-rikors wara tant zmien huwa sempliciment biex johloq inkwiet familjari gravi lil esponenti;

8. Illi l-esponenti jichad li qatt kellu xi kuntatt mal-attrici f'dawn l-ahhar erbghin sena;

9. Illi l-esponenti qieghed jikkontesta t-talbiet attrici u fi kwalunkwe kaz m'ghandux

[2] Fol. 12

ibati l-ebda spejjez f'din il-kawza."

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku[3] fejn eccepixxa:-

1. Illi l-esponent jistqarr li hu m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkernrn f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-partijiet koncernati jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Rat li b'digriet moghti fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2013 giet kjamata in kawza A F, omm l-attrici.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamat in kawza A F[4] li permezz taghha esponiet illi:-

Illi huwa minnu illi l-esponenti kellha relazzjoni twila ma' D E fis-snin sebghin u effettivament twieldu zewgt itfal minn din ir-relazzjoni u cioe' l-attrici A B C u ohtha Sandra Oulaiwi;

Illi huwa minnu illi l-esponenti u D E flimkien maz-zewgt itfal A B u Sandra ghexu bhala familja unita ghal diversi snin u E bhala stat ta' fatt kien irrikonoxxa lilhom bhala t-tfal tieghu, ittrattahom u rabbihom bhala t-tfal tieghu sakemm spiccat ir-relazzjoni ma' l-esponenti;

Illi is-socjeta' in generali, il-girien u l-membri familjari taz-zewg partijiet, inkluz it-tfal ta' E minn ma' martu ilkoll irrikonoxxew u jirrikonoxxu dan l-istat ta' fatt u cioe' illi A B C u Sandra Oulaiwi huma frott ir-relazzjoni li kellhom l-esponenti u D E fis-snin sebghin.

Illi kien biss ghal ragunijiet personali u cioe' sabiex jigu evitati proceduri gudizzjarji ma' persuna li tant ikkawza problemi emottivi u finanzjarji fil-hajja ta' l-esponenti, kif ser jigi spjegat waqt il-kawza,

---

[3] Fol. 34
[4] Fol. 64

Illi l-esponenti qatt ma istitwiet proceduri kontra E sabiex tigi ddikjarata l-paternita' u tiddikjara illi hija qatt ma talbet jew irceviet ebda manteniment ghat-tfal minghandu wara li ntemmet ir-relazzjoni. Hekk ukoll, hija saret taf bil-kawza odjerna ftit jiem wara biss illi t-tfal taghha, unilateralment u ad insaputa taghha, fethu il-kawza odjerna.

Rat li fl-udjenza tad-19 ta’ Frar 2014 l-attrici talbet li f’dan l-istadju tressaq il-prova xjentifika billi jsiru t-testijiet tad-DNA.

Rat li fl-istess udjenza il-konvenut E opponi ghal din it-talba.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut tas-7 ta’ Marzu 2014.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attrici tas-27 ta’ Marzu 2014.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-8 ta’ April 2014 li permezz tieghu irrizervat illi tipprovi dwar it-talba imsemmija tal-attrici wara li l-partijiet ikunu ezawrew il-provi taghhom fir-rigward.

Rat li fl-udjenza tal-15 ta’ Lulju 2014 il-partijiet iddikjaraw illi m’ghandhomx aktar provi fir-rigward tat-talba in dizamina.

Rat li fl-istess udjenza l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar it-talba tal-attrici sabiex il-Qorti tordna lill-konvenut E jissottometti ruhu ghat-test tad-DNA.

Rat l-atti l-ohra kollha;

Ikkonsidrat.

**Provi**.

**Provi tal-Attrici**.

Permezz tal-affidavit taghha l-attrici xhedet is-segwenti:-

"Sa minn mindu twelidt u sakemm kelli madawar hdax-il sena, jiena dejjem ghext bhala bint l-intimat D E. Sa mill-bidu u kemm ili niftakar fi tfuliti, jiena kont nghix gewwa familja ordinarja u normali u cioe' ma' ommi A F, ma missieri, D E u ftit wara ma' ohti, Sandra. Jiena niftakar ukoll lil ohti Sandra titwieled u qatt ma kien hemm kwistjonijiet dwar jekk kenitx it-tifla ta' D.

Ommi dejjem qaltli illi jiena kont bint D E u jiena kont l-ewwel tifla mir-relazzjoni taghhom u snin wara kellhom lil ohti Sandra. Ommi kellha ukoll tifla ohra Carmen minn ta' relazzjoni ohra izda din ma kenitx tghix maghna izda spiss kont immur naraha u hija kienet tigi ghandna. Pero' qatt ma ghexet maghna bhala parti mill-familja hlief meta kellha tmintax-il sena u missieri ma kienx izjed jghix maghna u kien ilu li telaq. Ma tantx damet tghix maghna ghaliex ftit wara zzewget.

Sakemm kelli hdax-il sena, kien jghix maghna god-dar ta' ommi u konna nghixu bhala familja normali. Nghid illi qabel ma twieldet Sandra, ommi u missieri kienu spiss jiggieldu izda meta twieldet Sandra niftakar illi l-glied kien zdied. Anke bhala hrug, meta kienet ghadha ma twelditx Sandra, jiena, ommi u missieri konna nohorgu izjed ta' spiss. Nghid ukoll li missieri kien juri hafna iktar imhabba u attenzjoni fil-konfront tieghi milli fil-konfront ta' ohti Sandra.

Nikkonferma li qatt ma kien hemm xi dubbji dwar missierna u konna ukoll rikonoxxjuti bhala t-tfal tieghu mas-socjeta' u mal-familjari kollha kemm min-naha ta' ommi kif ukoll min-naha ta' missieri. Jiena u ohti konna ukoll vicini hafna man-nannu, missier missierna kien jaghtina xi flus zghar bhala pocket money. Hu ukoll kien jirrikonoxxini bhala t-tifla ta' ibnu. Anke meta kien jirbah xi flus bil-Lottu, kien jaghti lili u lil ohti xi flus u huwa dejjem ittrattana u kkunsidrana bhala t-tfal ta' ibnu. Sahansitra konna ukoll immorru ghandu sabiex jaghtina l-flus meta ommna ma kellhiex flus biex titmaghna. Nghid ukoll illi meta imbaghad xjah u mar l-Ingieret, ahna u cioe' jiena u ohti Sandra konna gia tfarfarna fl-eta' u konna mmorru narawh. Fil-fatt kien iwassalna missierna D li kien ikun fil-karozza ma' ohtu u ma' wahda mit-tfal tieghu miz-zwieg ma' A. Hekk ukoll meta miet ahna konna ukoll morna l-funeral tieghu. Ommna pero' ma kenitx giet il-funeral peress illi hija kienet miggielda ma' missierna.

Niftakar illi bhala routina ta' hajja jghix maghna, huwa kien iqum filghodu u konna narawh, kien imur ghax-xoghol u gieli kien jigi jiekol id-dar f'nofsinhar. Imbaghad kien jigi tard bil-lejl u konna narawh meta gieli konna nqumu ghax kien ikun jiggieled ma' ommi. Fost affarijiet ohra jiena niftakar illi missieri kien johodna il-bahar il-Qajjjenza jew Marsaxlokk u kien johodna l-bandli u kien hemm diversi attivitajiet li konna naghmlu flimkien. Niftakru ukoll johodni naqbad il-grancijiet bil-lejl bit-torch u b'borza tal-plastic u spiss ukoll kien johodna ghand oht il-mama', iz-zija Pina u kien joqghod

maghna hemm. Huwa kien ukoll isiefer spiss u meta kien imur il-Kanada u l-Amerika biex jara lil hutu huwa kien ukoll igibilna l-hwejjeg u rigali sbieh.

Niftakar ukoll illi meta kelli xi sitt snin, jiena kont irbaht kompetizzjoni l-iskola dwar poezija fuq l-missier u talli gejt l-ewwel missieri D weghdni li ser jixtrili ktieb tal-Ladybird kull ftit gimhat basta jkun bl-ingliz ghaliex huwa ma tantx kien jaf lingliz u riedni li nkun tajba fl-ingliz. Niftakar ukoll meta kien gabli ziemel tal-plastic bhala rigal u meta kont nghidlu li xi haga kienet sabiha, bhal xi keychain kien jaqbad u jaghtihieli. Huwa kien iffissidni u jhobbni hafna u apparti il-glied ma' ommi jiena ghandi memorji sbieh hafna tieghu.

D kien jiggieled spiss ma' ommi u kif ghidt, il-glied zdied wara li twieldet Sandra. Fil-fatt meta kelli madwar hdax-il sena meta huwa telaq mid-dar. Dan kien wara glieda kbira ma' ommi u niftakar ix-xena cara hafna. Din kienet glieda ghaliex dak in-nhar stess, ommi kienet sabitu ma' mara ohra fuq il-blat u wara hadha d-dar flimkien mieghi u ma' ohti u wara glieda kbira li kienet ukoll tinvolvi vjolenza fizika, ommi qaltlu li ma setghetx tkompli mieghu gialadarba kellu mara ohra. Fil-fatt ftit wara huwa izzewwiggha ukoll.

Wara li spiccat ir-relazzjoni ma' ommi huwa kien baqa' jigi jarana darba fil-gimgha u kien jaghti xi zewg liri lil ommi jew jaghtina xi flus zghar. Meta imbaghad huwa zzewweg (lill-mara illi minhabba fiha spiccat ir-relazzjoni ma' ommi), pero' kwalsiasi kuntatt maghna waqaf.

Nghid illi meta waqaf il-kuntatt jien kont narah barra fit-triq u jekk kont narah barra huwa kien ikellimni. Nghid ukoll illi meta gejt biex nizzewweg ta' sbatax il sena jiena mort nghidlu u fil-fatt huwa kien tani rigal ta' tletin Lira Maltin. It-tieg pero' ma giex.

Nghid illi wara li miet in-nannu (missieru) u kelli madwar ghoxrin sena beda jieqaf hafna l-kuntatt. Nghid pero' illi ma naf qatt illi rajtu u li ma kellimnix.

Nikkonferma ukoll illi jiena ghamilt kuntatt mat-tfal li huwa kellu miz-zwieg ma' A, l-ewwel maz-zghira, Nadine u mbaghad ma' tifla ohra Rosanne. Lil Nadine kont iltqajt maghha fuq tal-linja u deherli li kelli nghidilha. Hija emmnitni u accettatni mall-ewwel u ahna sirna hbieb hafna. Rosanne kienet tahdem ghand hairdresser il-Belt u kellimtha ukoll izda ir-reazzjoni taghha kienet iktar bhala habiba milli bhala ohti, mhux bhal Nadine. Ma Nadine kont niltaqa' diversi drabi anke mat-tfal tieghi u konna ukoll nibghatu messaggi lil xulxin li zammejt fil-mobile tieghi. Kien biss wara li ohti Sandra ippruvat taghmel kuntatt ma' missieri wara li ratu fil-karozza u giet tibki ghandi ghaliex irrabja maghha, li jiena cempilt lil Nadine u rrabjajt maghha fuq dak li ghamel missierna u minn dak in-nhar

jiena u Nadine ma bqajniex daqshekk close. Nadine pero' tghid lil kulhadd illi ahna hutha u thobb hafna lit-tfal tieghi u tghid ma kulhadd li huma "it-tfal ta'ohtha".

Il-girien u l-membri tal-familja kollha kienu jafuni bhala t-tifla ta' Gejtu. Il-qraba tieghu ukoll jafu illi jiena u Sandra it-tfal tieghu. Pero' hafna minnhom ippruvaw iwarrbuna ghaliex kienu jikkunsidraw il-fatt li ahna tfal barra z-zwieg u konna skandlu. Pero' hemm zewg kugini, Steve u Marco illi spiss kienu jkellmuna u ghadhom sa llum. Hekk ukoll oht missieri u cioe' iz-zija Marianne li tigi omm Steve u Marco, dejjem irrikonoxxietni bhala n-neputija taghha u ghalkemm jekk tarani ma twaqqafnix, kull meta inwaqqafha biex ijkellimha jien, dejjem tkellimni.

Jiena nikkonferma illi D E dejjem ittrattani ta' bintu, dejjem kont sejjahtlu "papa'" u dejjem habbni hafna u rabbieni bhala bintu. Kliemu ukoll baqa' f'mohhi fis-sens illi kien qalli "jigri x'jigri dejjem nibqa' missierek."

Nikkonferma ukoll illi minn mindu telaq, anke jekk ghaddew dawn is-snin kollha, jiena dejjem kont u ghadni nobghod il-birthday tieghi, il-Milied u l-Father's Day u jkolli dwejjaq kbar u nkun ma niflahx hafna. Wara dawn is-snin kollha, wara li zzewwigt u rabbejt erbat itfal u qed inrabbi ukoll lit-tifla ta' binti stess u wara li ommi ormai kibret hafna fl-eta', jiena ddecidejt illi naffronta l-weggha tieghi illi ili ngorr tul hajti u nemmen illi l-uniku mod huwa illi nimla l-vojt li dejjem kelli billi nikseb l-identita' vera tieghi u fuq ic-Certifikat tat-Twelid tkun imnizzla u kkonfermata l-Identita' vera tieghi. Il-fatt illi missieri huwa indikat bhala mhux "maghruf" dejjem ikkawzali weggha kbira li issa u llum, flimkien ma' ohti ghandi l-kuragg naffronta u ghalhekk jiena ninsisti illi bhala wild biologiku ta' D E, din ir-realta' tigi ufficjalment rikonoxxjuta.".

Xhedet ukoll Sandra Oulaiwi permezz ta'affidavit li essenzjalment jikkorobora dak li xhedet l-attrici. Taghti dettalji dwar ir-relazzjoni li kellhom hi u l-attrici meta kienu ghadhom tfal mhux biss mal-konvenut E izda wkoll ma' missieru li kienu jikkonsidrawh bhala n-nannu taghhom.

Permezz ta' affidavit xhedet ukoll A F, omm l-attrici:-

"Jiena omm Sandra Oulaiwi u A B C u huma frott ta' relazzjoni illi kelli meta kont zghira ma' D E.

Jiena iltaqjt ma' D E meta kelli madwar ghoxrin sena. Iltqajna l-ewwel darba il-bahar u dak in-nhar li ltqajna l-ewwel darba, huwa kien staqsieni biex nohrog mieghu. Ghalkemm ghall-bidu ghidtlu li kien zghir wisq ghalija biex nohrog mieghu ghaliex kien hemm madwar hames snin differenza, jiena accettajt li nohrog mieghu u minn hemm bdiet relazzjoni. Dak iz-zmien meta jiena ltqajt mieghu,

jiena kont nghix wahdi. Nghid ukoll illi meta ltqajt mieghu jiena gia kelli tarbija Carmen Butler minn ma' relazzjoni precedenti, izda hija kienet tghix ma' ommi u qatt ma raqdet mieghi ghaliex jiena kont ghadni zghira u ommi kienet qaltli li xtaqet trabbihieli hi sabniex inkun libera. Jiena pero' kont immur nara lil binti kuljum anke meta bdejt nohrog ma' D.

Sa mill-bidu nett, il-familjari tieghi ma xtaqunix inkompli ir-relazzjoni tieghi ma' D u iktar ma beda jghaddi z-zmien iktar bdew jinsistu sabiex inhassar ir-relazzjoni imma jiena bqajt mieghu ghax kont inhobbu.

Bqajna nohorgu flimkien u wara ftit xhur huwa beda jigi d-dar tieghi ta' spiss izda kien jitlaq u ma kienx jorqod ghandi kuljum. Jiena ma kontx nahdem dak iz-zmien u ghalhekk, meta beda jghix mieghi xhur wara, jiena kont qisni mara mizzewga tad-dar, insajjarlu, nahsillu u niehu hsiebu.

Bil-gurament tieghi nikkonferma illi waqt illi kont mieghu, sa mill-bidu tar-relazzjoni, jien ma kelli l-ebda relazzjoni ohra ma rgiel ohra. Kont inhobbu hafna u kien ukoll possessiv hafna fuqi. Nghid illi D kellu ukoll temperament partikolari u mhux l-ewwel darba li refa idu fuqi. Kont nibza minu izda kont inhobbu.

Wara ftit snin, ahna bdejna nippjanaw familja u meta kelli madwar erbgha u ghoxrin sena, jiena inqbadt tqila minnu u kelli lil binti B C. Waqt it-tqala, gieli kellna xi nghidu u mhux l-ewwel darba li refa idejh fuqu u anke sawwatni fuq zaqqi. Pero' meta imbaghad twieldet it-tifla B, kien kuntent hafna u pproponili li nizzewgu. Jiena ma xtaqtx nizzewgu ghaliex tal-familja ma kellhomx pjacir bih u ukoll ghaliex jiena bzajt illi binti minn ta' l-ewwel relazzjoni kienet ser tigi effetwata hazin. Wara li staqsieni darba biex nizzewgu u ma regax staqsieni u s alum ma nafx jek kienx serju dwar il-proposta tieghu.

Hekk ukoll, meta twieldet B, D xtaq illi jaghmilha fuw ismu izda kelli pressjoni kbira mill-familja tieghi biex ismu ma jkunx fic-Certifikat tat-Twelid ghaliex qaluli li jekk jirrikonoxxiha ikun jista' johodhieli u jitlaq biha.

Wara ftit snin, ergajt inqbadt tqila u kelli lil Sandra. Meta kont tqila b'Samdra u konna niggieldu mhux l-ewwel darba illi kien isawwatni u jaghtini fuq zaqqi izda xorta wahda kont inhobbu, kont accettajt il-karattru tieghu u bqajt mieghu. Ommi kienet tghidli biex nitilqu imma ma stajtx. Nghid ukoll illi kont ghamilt diversi rapporti dwar vjolenza mal-Pulizija izda dejjem kont nahfirlu.

Tul ir-relazzjoni taghna jiena kont fidila hafna lejh izda huwa kien johrog ta’ spiss u jidhol u johrog meta jrid. Jiena pero’ dejjem kont inkun id-dar inrabbi lit-tfal u kont nistmah ta’ zewgi. Ghalkemm konna niggieldu, jiena kont inhobbu u kont ukoll niddependi fuqu emozjonalment.

Pero’ huwa imbaghad kien kuntent hafna meta twieldu iz-zewgt itfal. Fil-fatt meta kont qed inwelled kemm lil B kif ukoll lil Sandra, huwa kien gie mieghi l-Isptar u ezatt kif twieldu l-infermiera urithomlu ghaliex huwa kien maghruf u accettat bhala lmissierhom. Huwa kien kuntent hafna bihom u qatt ma qal li ma kienx ser jaccettahom. Konna nghixu bhala familja. Kien ukoll johodna il-bahar u konna nohorgu flimkien bhala familja.

Nghid ukoll illi B u Sandra kienu jghiajtulu “papa” u huwa dejjem accetta ir-realta’ li huma kienu t-tfal tieghu. Qatt ma qal lili jew lil min kont naf (familjari, hbiebu girien) li ma humhiex tieghu jew li kellu xi dubbju.

Niftakar illi ftit snin wara illi twieldet Sandra huwa kien beda drawwa li jigi d-dar tard hafna u gieli kien ikollu l-lipstick. Ftit wara, in-nies qaluli illi huwa kellu mara ohra u kienu ukoll gabuli ritratti tieghu maghha. Certu Victor Cesare, illum mejjet kien gabli r-ritratti. Kont imbaghad mort ma’ binti B, Wied il-Ghajn fuq il-blat u sibtu hemmhekk ma’ l-istess persuna tar-ritratt. Dak in-nhar, huwa gie iwassalni d-dar u kien vjolenti mieghi. Ghalhekk jiena keccejtu minnufih u ghidtlu ma jergax jersaq lejja. Kont imweggha u ma stajtx inkompli nghix ma’ ragel li kellu mara ohra.

Wara dak in-nhar ir-relazzjoni taghna spiccat izda xorta wahda kien jigi darba il-Gimgha sabiex jara lil Sandra u lil B. Gieli kien jaghtihom pocket money wara li r-relazzjoni spiccat. Kien ukoll ikellimhom barra anke fil-presenza tal-hbieb tieghu.

Wara li ma baqax jghix mieghi, huwa kompla r-relazzjoni mal-mara li kien maghha waqt li kien mieghi. Wara ftit snin, hija inqabdet tqila u zzewgu. Ghalkemm ghal ftit gimghat wara li zzewweg huwa baqa’ jigi jara t-tfal, dan waqaf eventwalment u ma baqax jigi. Qata ukoll il-kuntatt mat-tfal u kien ikellimhom biss meta jinsertahom.

Jiena ma kontx mort il-Qorti ghall-flus ghaliex meta kien mieghi, jiena kont naghtih il-flus u mhux vice versa. Hekk ukoll, jiena kont mohhni biex inrabbi it-tfal u ma ridtx inkweiet u peress li huwa kellu l-familja gdida tieghu, halllejtu bi kwietu.

Nikkonferma illi Sandra u B huma tfal ta’ D E u hbiebi, membri tal-familja u l-girien kollha kienu jafu li D huwa missierhom u jirrikonoxxuh bhala t-tali. Anke il-familjari tieghu kienu jafuh u jaccettawh dan

il-fatt. Nghid illi hu D, Nazzareno ried sahansitra irabbi lil B ghax ma kellux tfal u kien ihobbha hafna. Kont ukoll inkellem lil oht D Marianne Zahra u kienet taf u accettat illi B u Sandra kienu in-neputijiet taghha. Nghid ukoll illi it-tfal ta’ Marianne kienu u baqghu ihobbu hafna lil Sandra u B li jigu kugini.

It-tfal tieghu kienu jhobbuh hafna u huma qaluli ukoll illi bdew dawn il-proceduri ghaliex iweggahhom hafna il-fatt illi jafu min hu missierhom izda ghandhom certifikat unknown father.”

Tarquin C, bint l-attrici, xhedet fis-seduta quddiem il-perit legali mizmuma fl-10 ta’ Gunju 2014[5]:-

“Naghraf fuq din il-mejda lil D E; dan jigi l-missier naturali ta’ ommi li hi l-attrici f’din il-kawza.

Minn kemm ilni niftakar, ommi dejjem tghidli li l-konvenut hu missierha.

Ltqajt mal-konvenut darba, waqt ikla tax-xoghol u kellimtu wkoll. Jien ghedtlu li nigi t-tifel tal-attrici u f’dak il-hin hmar u beda jpejjep. Meta jien ghedtlu li kont nigi t-tifel ta’ bintu l-kbira kien bhal donnu mahsud u ma qal xejn.

Qabel dakinhar, kelli forsi sitta jew seba’ snin, ommi haditni hdejn id-dar tal-konvenut fejn kien hemm hu, l-mara tieghu u t-tifla tieghu wkoll. Dan l-episodju bqajt niftakru ‘l ghaliex ommi dejjem zammet ritratti tieghu (tal-konvenut); qieghed nezibixxi wiehed minn dawn ir-ritratti (Dok. ‘TS1’) u nikkonferma li hu l-istess bhal dak a fol. 50 tal-process.

Jiena u huti, lill-konvenut minn dejjem nafuh bhala missier ommi.

A F hija omm ommi; maghha ghandi relazzjoni tajba u dejjem tghid ma’ kulhadd li l-konvenut huwa missier uliedha. Ma’ ommi wkoll ghandi relazzjoni tajba. Nispjega li ommi fethet din il-kawza ricentement ‘l ghaliex ghaddiet minn proceduri ta’ separazzjoni u ma tantx kellha hin u sahha tiffoka fuq il-kawza odjerna fil-passat. Ahna qieghdin erba’ ahwa u l-genituri tieghi sseparaw meta kelli tmien snin; illum ghandi wiehed u ghoxrin sena.

Naf li l-konvenut ghandu familja. Ghandu zewgt ibniet Nadine u Banne; lil Nadine nafha ‘l ghaliex ltqajna diversi drabi u meta kont niltaqa’ maghha kienet tghid lil min ikun maghha li jien it-tifel

[5] Fol. 106

t'ohtha l-kbira. Naghraf lil Nadine bhala l-persuna li qieghda fin-nofs fir-ritratt a fol. 57 tal-atti. Ir-ritratt a fol. 59 juri lili, lil ommi fuq in-naha tax-xellug int u thares lejn ir-ritratt, hija l-kbir in-naha l-ohra u lil Nadine fin-nofs. Dan ir-ritratt ittiehed bil-volonta' ta' Nadine wara li ommi kienet ltaqghet maghha. Dakinhar ghamilna tul ta' hin nitkellmu u wara dakinhar ltqajt ma' Nadine kazwalment diversi drabi."

L-attrici ipproduciet ukoll it-testimonjanza ta' Carmel Vella permezz ta' affidavit[6]:

"Jiena kont involut fit-trobbija ta' l-attrici A B C, bint A F, ghaliex kien hemm konnessjoni bejn il-familji taghna. Hekk kif twelidt jiena, missier ommi Rita Vella u cioe' in-nannu Ganni Vella, minhabba ic-cirkostanzi, ta' struzzjonijiet lill-*midwife,*sabiex issibli familja. Fil-fatt bhala tarbija jiena gejt fdat lin-nanna ta' A B C u cioe' Carmena F li tigi omm A F. Jiena ghalhekk kbirt ma' A F, omm A B, trabbejt maghha u konna kbirna bhala ahwa. Pero' jiena xorta bqajt b'kunjom ommi naturali izda qatt ma rajtha u qatt ma ltqajt maghha. Bhala stat ta' fatt gejt "adottat" minn omm A F izda qatt ma saru proceduri ufficjali ta' addozzjoni. Nghid ukoll li lil omm A F kont insejhilha ommi u nindirizzaha bhala ommi (mummy) ghaliex kienet bdiet trabbini minn mindu kelli tliett ijiem . Ghalhekk jiena trabbejt ma' A F bhala ohti avolja mhux legalment ohti.

Jiena lil D E kont nafu mill-iskola ghaliex konna nattendu l-Primarja ta' Bormla u xi sena biss kien hemm differenza bejntiena. Imbaghad huwa beda johrog ma' ohti u ghalhekk jiena u hu sirna hbieb ghaliex kont immur ghandha u kont narah hemm. Niftakar illi hu kien jorqod ghandha ghaliex hija telqet minghand ommha u marret tghix ghal rasha. Kont immur ghandha anke filghaxija u nghid illi kien stat ta' fatt illi huwa kien jorqod ghandha izda kien hemm ftit drabi meta huwa ma kienx jorqod hemm. Nikkonferma ukoll illi waqt li kienet tiffrekwenta u tghix ma' D hija ma kellha l-ebda relazzjonijiet ohra ma' rgiel ohra ghax kienet imwerwa minnu.

Niftakar illi ftit snin wara li kienet mieghu hija inqabdet tqila. Kien fatt accettat illi A F kienet tqila minnu u qatt ma qal li t-tarbija ma kenitx tieghu, la qatt gerger, anzi ir-relazzjoni kienet miexja normali u kulhadd kien accetta illi A kienet tqila minnu. A lilna kienet ukoll tghidilna li hija tqila mimnu.

A B imbaghad twieldet u huwa kien igib ruhu bhala missierha. Kien izommha u kien johrog ta' spiss b'A B. Is-sitwazzjoni kienet wahda normali ta' missier ma' bintu tarbija. Ftit snin wara A regghet inqabdet tqila u kellha lil Sandra. Hawn ukoll, kien accettat illi Sandra kienet bint D.

[6] Fol. 109

Jiena naf illi A ma tantx kienet taghti dettalji dwar ir-relazzjoni taghha ma' D u naf illi wara ftit li twieldet Sandra hija ma kenitx izjed mieghu. Ma nafx min telaq lil min ghax ma kienet tghidli xejn u huma biss it-tfal B u Sandra li kienu jafu dettalji ghaliex huma kienu jaraw kollox. Nikkonferma bil-gurament tieghi illi D E kien igib ruhu bhala missierhom u kien jghid li huwa missierhom u kien fatt mhux kontestat li huwa kien missierha."

Fis-seduta quddiem il-perit legali mizmuma fit-2 ta' Lulju 2014 l-Avukat Dottor Katia Mercieca ipprezentat kopja legali ta' estratt mill-atti tal-kawza numru 112/2013 AL pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta konsistenti minn "DNA Paternity Test Report" redatt minn Dr Marisa Cassar fejn ticcertifika li minn kampjuni li pprelevat minn fuq il-persuna tal-attrci, ta' ommha A F u ta' Sandra Oulaiwi ma tistax teskludi li l-attrici u l-imsemmija Sandra Oulaiwi huma ulied l-istess missier. Ticcertfika illi l-possibilta' li l-imsemmija F u Oulaiwi ghandhom l-istess missier hija ta' 983.58 darba aktar minn meta komparat ma' persuna ohra li ma hi bl-ebda mod relatata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

L-ewwel konsiderazzjoni li trid taghmel il-Qorti hi illi l-provi kollha li s'issa resqet l-attrici in sostenn tat-talbiet taghha b'mod generali, u sabiex isiru it-testijiet tad-DNA b'mod partikolari, juru illi relazzjoni intima bejn omm l-attrici u l-konvenut D E fiz-zmien li giet konceputa l-attrici kien hemm. Jirrizulta wkoll illi din ir-relazzjoni ma kinitx wahda kazwali ta' ftit zmien izda li kienet wahda mifruxa fuq diversi snin. Huwa minnu li qabel tali relazzjoni omm l-attrici kellha relazzjoni ma' haddiehor izda f'dawn il-proceduri omm l-attrici xhedet illi fiz-zmien in kwistjoni hija kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut E biss. Ix-xhieda kollha s'issa prodotti mill-attrici huma konkordi li almenu fl-apert il-konvenut D E kien meqjus bhala missier l-attrici A B C.

Ghalkemm wahda mil-linji difensjonali tal-konvenut hi li fiz-zmien in kwistjoni omm l-attrici kellha relazzjonijiet intimi ma' rgiel ohra, prova ta' dan il-konvenut E ma ressaqx.

Ghall-kuntrarju il-konvenut D E s'issa ghazel li ma jixhidx u lanqas ikkontro-ezamina ix-xhieda imressqa s'issa mill-attrici. Issir referenza ghall-**Artikolu 562 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprolvdi illi:-

"Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.".

Hija gurisprudenza kostanti illi min jonqos milli jipprova dak minnu allegat jimpera l-principju "actor non probante, reus absolvitur" u l-konvenut mhux tenut iressaq provi kontrastanti ghal dik tal-attur

in sostenn tal-kontestazzjoni tieghu. (**Andrew Dalli vs Michael Balzan noe.** – Qorti Civili, Prim' Awla – 31 ta' Jannar 2003). Izda meta l-attur iressaq provi in sostenn tat-tezi tieghu li wahedhom kapaci jnisslu fil-gudikant il-konvinciment morali necessarju biex jasal ghal decizzjoni, jitnissel fil-konvenut l-oneru li jressaq provi kontrastanti in sostenn tad-difiza tieghu. Altrimenti difiza li tirrigwarda principalment apprezzament ta' provi difficli jkollha success minghajr sostenn ta' provi li jsostnuwha.

Ikkonsidrat;

L-azzjoni ta' filjazzjoni istitwita mill-attrici ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-**Artikolu 86 A tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovidi illi:

*"(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miz-zwieg li ma jigix maghruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistghu f'kull zmien iressqu talba gudizzjarja biex tigi stabbilita' l-paternita' tat-tifel u biex il-qorti tordna r-registrazzjoni ta' dik il-paternita' fl-atti tal-istat civili relattivi."*

**Artikolu 100A tal-Kap. 16** jipprovdi illi:

*'F'kawzi li ghalihom jaghmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-Qorti tista' minghajr hsara ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skont il-ligi, tehtieg lill-partijiet biex jissottomettu ghal ezamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A u fl-istess mod u fl-istess cirkostanzi.'*

Is-Sub-Titolu li ghalih qed jirreferi l-Artikolu 100A huwa intitolat - *'Fuq il-Filjazzjoni Tal-Ulied Imnissla u Mwielda* ***barra miz-Zwieg'***

Artikolu 100A appena citat jistipula illi sew f'kaz ta' wild imwieled barra z-zwieg kif ukoll ta' wild imwieled fiz-zwieg **il-Qorti ghandha l-istess poter li tordna lill-partijiet jissottomettu ruhhom ghal test genetriku** kif stipulat bl-**Artikolu 70A** li jipprovdi illi:-

*(1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel –*

*(a) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel;*

*(b) l-omm tista’ teħtieġ lill-missier u lit-tifel;*

*(ċ) it-tifel jista’ jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u*

*(d) l-allegat missier naturali jista’ jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel,li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.*

*(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun……….”*

Ikkonsidrat;

Fil-fehma tal-Qorti, mill-provi imressqa s’issa jirrizzultaw sodisfacentement l-estremi sabiex il-Qorti tordna li jittiehed minn fuq il-persuna tal-konvenut D E kampjun ghall-finijiet tat-test tad-DNA. Illum il-gurnata l-avvanzi fix-xjenza ghamluha possibbli li jigi stabbilit kwazi b’certezza jekk ragel huwiex jew le il-missier bijologiku ta’ persuna ohra.

Fir-risposta guramentata tieghu il-konvenut isostni illi l-azzjoni attrici hija instigata “biex tohloq inkwiet familjari gravi” lill-konvenut (ara para. 7 tar-risposta guramentata). Huwa fatt illi l-kawzi tax-xorta bhal din odjerna inisslu fil-partijiet koncernati element ta’ ansjeta’ u tribulazzjoni kultant mhux zghir. Dan pero’ wahdu ma jinnewtralizzax id-dritt tal-attrici illi tkun taf min hu effettivament missierha naturali, aktar u aktar tenut kont tal-fatt illi s’issa l-attrici ghandha certifikat tat-twelid li jghid li missierha “ma hux maghruf”.

Li l-ilment tal-konvenut E f’dan ir-rigward ma hux ta’ ostakolu ghall-akkoljiment tat-talba in dizamina huwa indirettament rifless fl-**Artikolul 70A (3) tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

*Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad it-talba sakemm il-kjarifika tirriżulta f’effett kontrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak it-tifel minuri, ukoll meta wieħed jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika.*

Kif gie dikjarat fil-kawza **Joseph Camilleri vs Sharon Camilleri et** deciza mill-Qorti Civili, Prim' Awla[7]: "Fl-istat attwali tal-gharfien u tal-progress xjentifiku ir-rizultat ta' tali testijiet jaghmel prova efficjenti, u shiha tal-ezistenza, jew le, tar-rapport tal-filjazzjoni."

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, bis-sahha tal-Artikoli 70A u 100A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta,

1) Tordna li jittiehdu kampjuni ghall-finijiet ta' testijiet xjentifici u genetici minn fuq il-persuna tal-attrici A B C, minn fuq il-persuna ta' omm l-attrici, il-kjamat in kawza A F, u tal-konvenut D E.

2) Tinnomina ghal dan il-ghan lil Dr Marisa Cassar, a spejjez provvizorjament tal-attrici, sabiex (a) televa kampjuni minn fuq il-persuna tal-attrici A B C, minn fuq il-persuna ta' omm l-attrici, il-kjamat in kawza A F, u minn fuq il-persuna tal-konvenut D E.u (b) tipprepara u tipprezenta rapport tad-DNA.

3) Tordna ghalhekk lill-attrici, lill-kjamat in kawza u lill-konvenut Azzoaprdi sabiex sa mhux aktar tard minn xhar millum jipprovdu kampjun genetiku lil Dr Marisa Cassar ghall-finijiet tat-testijiet tad-DNA u ghal dan il-ghan tordnalhom sabiex fi zmien l-imsemmi terminu jattendu separatament fil-klinika ta' Dr Marisa Cassar fil-jiem u hinijiet li jigu indikati minn Dr Marisa Cassar. Il-Qorti tawtorizza lill-Avukati tal-partijiet ikunu prezenti ghal dawn l-appuntamenti u ghalhekk tidderiegi lil Dr Cassar sabiex lill-Avukati tal-partijiet tinformhom fi zmien adegwat bl-appuntamenti rilevanti.

4) Tordna li flimkien mar-rapport tad-DNA Dr Marisa Cassar tipprezenta kopja awtentikata tal-karta ta' l-identita' tal-persuni li minn fuqhom tkun ipprelevat il-kampjuni imsemmija.

5) Tordna li kopja ta' din id-decizzjoni tigi notifikata lil Dr Marisa Cassar, lill-konvenut E u lill-kjamat in kawza a kariku tal-attrici u dan bil-mezz tal-purtier jekk hemm bzonn wara l-hinijiet legali.

---

[7] 31 ta' Jannar 2003

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------